



# Mill-Patrimonju tas-Santwarju Bażilika Minuri tal-Karmnu tal-Belt Valletta

## Il-Perpetwa

*Minn P. Martin D Schembri O. Carm*



Il-Perpetwa hija bħal kaxxa tonda li fih titqiegħed l-Ostja il-Kbira kkonsagrata, dik li tintuża għal espożizzjonijiet fl-isferi. Ħafna drabi din il-Perpetwa tkun tal-Fidda miksija bid-deheb.

Il-Perpetwa tal-festa tas-Santwarju Bażilika Minuri tal-Karmnu tal-Belt hija tad-deheb mastizz. Saret fi żmien il-Gran Mastru Luis Mendes De Vasconcellos 1622-1625, dan nafuħ mit-timbru tad-deheb li għandha.

Din tkun imbierka u s-sabiħ spiritwali li għandha din il-Perpetwa hija ġewwa tagħha. Fiha mnaqqax kuruna imperjali, minħabba li fiha joqgħod ir-Re tar-Rejiet Ġesu. Mal-kuruna nieżel mant kollu mnaqqax, isfel hemm il-Qalb ta' Ġesu bix-xewk u s-Salib u bħala oġġett għand il-Karmelitani ħdejn il-Qalb ta' Ġesu hemm il-Qalb ta' Marija bil-ward.

Tajjeb niftakru li l-ħajja bħala Bniedem u l-Qalb ta' Ġesu tħabbat bdiet bl-'IVA ta' Marija" bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.



Taħt il-Mant hemm talba minquxa bil-Latin li se tidher hawn bil-Malti

"Tiftakarx fi ħtijieti, Mulej

Meta tiġi tagħmel ħaqq mid-dinja

F'idejk Mulej jien nerħi ruħi

Issa u fis-siegħa ta' mewti

O Ġesu tajjeb, Ġesu Salvatur

Din ir-ruħ tant għażiża għalik"

Meta kont abbati meta kienu jġorru l-Ġesu Ewkaristija f'din il-Perpetwa kont nisma' lil Patrijiet b'mod speċjali P. Ġiljan Calleja jitlob b'din it-talba mill-Artal tas-Sagrament sal-Artal Papali tat-Tribuna.

X'kos it-talb idaħħlek fi djalogu m'Alla. Mhux ta' b'xejn ir-regola Karmelitana li nkitbet 802 sena ilu tgħid, "Lejl u nhar aħsbu fil-Liġi t'Alla", l-arti kienet magħmulha għal skop reliġjuż u mhux vici versa.

